# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 62/2012

## tal-24 ta' Jannar 2012

## li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-istatistika Komunitarja dwar l-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien (UE-SILC) fir-rigward tal-lista tal-2013 tal-fatturi varjabbli sekondarji fil-mira dwar il-benessri

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2003 rigward l-istatistika Komunitarja dwar l-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien (UE-SILC) [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 15(2)(f) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 stabbilixxa qafas komuni għall-produzzjoni sistematika tal-istatistika Ewropea dwar l-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien, li jinkorpora dejta rappreżentattiva u lonġitudinali, waħda komparabbli u fil-ħin, dwar l-introjtu u dwar il-livell u l-kompożizzjoni tal-faqar u l-esklużjoni soċjali fil-livelli nazzjonali u dawk Ewropej.

(2) Skont l-Artikolu 15(2)(f) tar-Regolament (KE) Nru 1177/2003, hemm bżonn ta' miżuri ta' implimentazzjoni dwar il-lista tas-setturi u tal-fatturi varjabbli sekondarji fil-mira li trid tiġi inkluża kull sena fil-komponent rappreżentattiv tal-EU-SILC. Għall-2013 trid tiġi stabbilita l-lista tal-varjabbli sekondarji fil-mira li għandhom jiġu inkorporati fil-modulu dwar il-benessri, flimkien mal-kodiċijiet tal-varjabbli li jikkorrispondu ma' dawn.

(3) Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema tal-Istatistika Ewropea,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-lista ta' fatturi varjabbli sekondarji fil-mira u l-identifikaturi tal-varjabbli għall-modulu tal-2013 dwar il-benessri li se jiġu inklużi fil-komponent rappreżentattiv tal-istatistika Ewropea dwar l-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien (UE-SILC) għandhom ikunu kif stabbilit fl-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ 20 jum wara li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Jannar 2012.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
José Manuel BARROSO

---

[1] ĠU L 165, 3.7.2003, p. 1.

*ANNESS*

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw l-unità, il-metodu tal-ġbir tad-dejta u l-perjodu ta' referenza li ġejjin:

1. **Unità**

   Għandha tingħata informazzjoni għall-membri attwali kollha tad-dar jew, jekk inhu l-każ, għal dawk kollha li jintalbu jgħaddu l-informazzjoni u li għandhom minn 16-il sena 'l fuq.

2. **Mod ta' ġbir ta' informazzjoni**

   Fid-dawl tat-tip ta' informazzjoni li għandha tinġabar, huma awtorizzati biss intervisti personali. B'mod partikolari, mhumiex awtorizzati intervisti f'isem ħaddieħor.

3. **Perjodu ta' referenza**

   Il-perjodu ta' referenza għall-varjabbli kollha fil-mira huwa s-sitwazzjoni attwali, ħlief għall-ħames varjabbli dwar il-benessri emozzjonali, li jirreferu għall-erba' ġimgħat preċedenti.

4. **It-trażmissjoni tad-dejta**

   Il-fatturi varjabbli sekondarji fil-mira għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni (il-Eurostat) fil-Fajl tad-Dejta Personali (fajl-P) wara l-varjabbli primarji fil-mira.

**IL-MODULU DWAR L-OQSMA TAL-BENESSRI**

**U L-LISTA TAL-VARJABBLI FIL-MIRA TAL-2013**

| Identifikatur tal-varjabbli | Valuri | Il-varjabbli fil-mira |
|---|---|---|
| **L-esperjenza ġenerali tal-ħajja** | | |
| PW010 | | *Is-sodisfazzjon ġenerali bil-ħajja* |
| | *0-10* | Minn 0 (Ma jien sodisfatt xejn) sa 10 (Sodisfatt kompletament) |
| | *99* | Ma nafx |
| PW010_F | *1* | Mimlija |
| | *– 1* | Vojta |
| | *– 3* | Mhux il-persuna magħżula biex twieġeb |
| PW020 | | *Is-sens tal-ħajja* |
| | *0-10* | Minn 0 (Il-ħajja assolutament mhux ta' min jgħixha) sa 10 (Il-ħajja vera ta' min jgħixha) |
| | *99* | Ma nafx |
| PW020_F | *1* | Mimlija |
| | *– 1* | Vojta |
| | *– 3* | Mhux il-persuna magħżula biex twieġeb |
| **Il-kundizzjonijiet tal-għajxien materjali** | | |
| PW030 | | *Is-sodisfazzjon bis-sitwazzjoni finanzjarja* |
| | *0-10* | Minn 0 (Ma jien sodisfatt xejn) sa 10 (Sodisfatt kompletament) |
| | *99* | Ma nafx |
| PW030_F | *1* | Mimlija |
| | *– 1* | Vojta |
| | *– 3* | Mhux il-persuna magħżula biex twieġeb |

| Identifikatur tal-varjabbli | Valuri | Il-varjabbli fil-mira |
|---|---|---|
| PW040 | | *Is-sodisfazzjon bl-akkomodazzjoni* |
| | *0-10* | Minn 0 (Ma jien sodisfatt xejn) sa 10 (Sodisfatt kompletament) |
| | *99* | Ma nafx |
| PW040_F | *1* | Mimlija |
| | *– 1* | Vojta |
| | *– 3* | Mhux il-persuna magħżula biex twieġeb |
| **Saħħa** | | |
| PW050 | | *Inħossni nervuż ħafna* |
| | *1* | Il-ħin kollu |
| | *2* | Kważi l-ħin kollu |
| | *3* | Kultant |
| | *4* | Vera ftit mill-ħin |
| | *5* | Qatt |
| | *9* | Ma nafx |
| PW050_F | *1* | Mimlija |
| | *– 1* | Vojta |
| | *– 3* | Mhux il-persuna magħżula biex twieġeb |
| PW060 | | *Inħossni mdejjaq* |
| | *1* | Il-ħin kollu |
| | *2* | Kważi l-ħin kollu |
| | *3* | Kultant |
| | *4* | Vera ftit mill-ħin |
| | *5* | Qatt |
| | *9* | Ma nafx |
| PW060_F | *1* | Mimlija |
| | *– 1* | Vojta |
| | *– 3* | Mhux il-persuna magħżula biex twieġeb |
| PW070 | | *Inħossni kalm u seren* |
| | *1* | Il-ħin kollu |
| | *2* | Kważi l-ħin kollu |
| | *3* | Kultant |
| | *4* | Vera ftit mill-ħin |
| | *5* | Qatt |
| | *9* | Ma nafx |

| Identifikatur tal-varjabbli | Valuri | Il-varjabbli fil-mira |
|---|---|---|
| PW070_F | *1* | Mimlija |
| | *– 1* | Vojta |
| | *– 3* | Mhux il-persuna magħżula biex twieġeb |
| PW080 | | *Inħossni qalbi maqtugħa jew depress* |
| | *1* | Il-ħin kollu |
| | *2* | Kważi l-ħin kollu |
| | *3* | Kultant |
| | *4* | Vera ftit mill-ħin |
| | *5* | Qatt |
| | *9* | Ma nafx |
| PW080_F | *1* | Mimlija |
| | *– 1* | Vojta |
| | *– 3* | Mhux il-persuna magħżula biex twieġeb |
| PW090 | | *Inħossni kuntent* |
| | *1* | Il-ħin kollu |
| | *2* | Kważi l-ħin kollu |
| | *3* | Kultant |
| | *4* | Vera ftit mill-ħin |
| | *5* | Qatt |
| | *9* | Ma nafx |
| PW090_F | *1* | Mimlija |
| | *– 1* | Vojta |
| | *– 3* | Mhux il-persuna magħżula biex twieġeb |
| **Attivitajiet produttivi u siewja** | | |
| PW100 | | *Is-sodisfazzjon mix-xogħol* |
| | *0-10* | Minn 0 (Ma jien sodisfatt xejn) sa 10 (Sodisfatt kompletament) |
| | *99* | Ma nafx |
| PW100_F | *1* | Mimlija |
| | *– 1* | Vojta |
| | *– 2* | Ma japplikax (PL031 mhux = 1, 2, 3 jew 4) |
| | *– 3* | Mhux il-persuna magħżula biex twieġeb |
| PW110 | | *Is-sodisfazzjon bil-ħin li nqatta' nivvjaġġa lejn il-post tax-xogħol* |
| | *0-10* | Minn 0 (Ma jien sodisfatt xejn) sa 10 (Sodisfatt kompletament) |
| | *99* | Ma nafx |

| Identifikatur tal-varjabbli | Valuri | Il-varjabbli fil-mira |
|---|---|---|
| PW110_F | *1* | Mimlija |
| | *– 1* | Vojta |
| | *– 2* | Ma japplikax (PL031 mhux = 1, 2, 3 jew 4) |
| | *– 3* | Mhux il-persuna magħżula biex twieġeb |
| | *– 4* | Ma japplikax (għandi l-uffiċċju d-dar) |
| PW120 | | *Is-sodisfazzjon bil-mod kif ngħaddi l-ħin* |
| | *0-10* | Minn 0 (Ma jien sodisfatt xejn) sa 10 (Sodisfatt kompletament) |
| | *99* | Ma nafx |
| PW120_F | *1* | Mimlija |
| | *– 1* | Vojta |
| | *– 3* | Mhux il-persuna magħżula biex twieġeb |
| **Governanza u drittijiet bażiċi** | | |
| PW130 | | *Fiduċja fis-sistema politika* |
| | *0-10* | Minn 0 (Fiduċja assolutament xejn) sa 10 (Fiduċja kompleta) |
| | *99* | Ma nafx |
| PW130_F | *1* | Mimlija |
| | *– 1* | Vojta |
| | *– 3* | Mhux il-persuna magħżula biex twieġeb |
| PW140 | | *Fiduċja fis-sistema legali* |
| | *0-10* | Minn 0 (Fiduċja assolutament xejn) sa 10 (Fiduċja kompleta) |
| | *99* | Ma nafx |
| PW140_F | *1* | Mimlija |
| | *– 1* | Vojta |
| | *– 3* | Mhux il-persuna magħżula biex twieġeb |
| PW150 | | *Fiduċja fil-pulizija* |
| | *0-10* | Minn 0 (Fiduċja assolutament xejn) sa 10 (Fiduċja kompleta) |
| | *99* | Ma nafx |
| PW150_F | *1* | Mimlija |
| | *– 1* | Vojta |
| | *– 3* | Mhux il-persuna magħżula biex twieġeb |
| **Il-ħin ta' mistrieħ u l-interazzjonijiet soċjali** | | |
| PW160 | | *Is-sodisfazzjon bir-relazzjonijiet personali* |
| | *0-10* | Minn 0 (Ma jien sodisfatt xejn) sa 10 (Sodisfatt kompletament) |
| | *99* | Ma nafx |

| Identifikatur tal-varjabbli | Valuri | Il-varjabbli fil-mira |
|---|---|---|
| PW160_F | *1* | Mimlija |
| | *– 1* | Vojta |
| | *– 3* | Mhux il-persuna magħżula biex twieġeb |
| PW170 | | *Ħwejjeġ personali (u jekk għandekx ma' min titkellimhom)* |
| | *1* | Iva |
| | *2* | Le |
| | *9* | Ma nafx |
| PW170_F | *1* | Mimlija |
| | *– 1* | Vojta |
| | *– 3* | Mhux il-persuna magħżula biex twieġeb |
| PW180 | | *L-għajnuna mill-oħrajn* |
| | *1* | Iva |
| | *2* | Le |
| | *9* | Ma nafx |
| PW180_F | *1* | Mimlija |
| | *– 1* | Vojta |
| | *– 2* | M'għandix qraba, ħbieb jew ġirien |
| | *– 3* | Mhux il-persuna magħżula biex twieġeb |
| PW190 | | *Kemm tafda lill-oħrajn* |
| | *0-10* | Minn 0 (Ma nafda lil ħadd iktar) sa 10 (Nafda f'ħafna nies) |
| | *99* | Ma nafx |
| PW190_F | *1* | Mimlija |
| | *– 1* | Vojta |
| | *– 3* | Mhux il-persuna magħżula biex twieġeb |
| **L-ambjent naturali u fejn ngħixu** | | |
| PW200 | | *Is-sodisfazzjon biż-żoni rikreattivi u naturali* |
| | *0-10* | Minn 0 (Ma jien sodisfatt xejn) sa 10 (Sodisfatt kompletament) |
| | *99* | Ma nafx |
| PW200_F | *1* | Mimlija |
| | *– 1* | Vojta |
| | *– 3* | Mhux il-persuna magħżula biex twieġeb |
| PW210 | | *Is-sodisfazzjon bl-ambjent fejn ngħixu* |
| | *0-10* | Minn 0 (Ma jien sodisfatt xejn) sa 10 (Sodisfatt kompletament) |
| | *99* | Ma nafx |

| Identifikatur tal-varjabbli | Valuri | Il-varjabbli fil-mira |
|---|---|---|
| PW210_F | *1* | Mimlija |
| | *– 1* | Vojta |
| | *– 3* | Mhux il-persuna magħżula biex twieġeb |
| **Is-sikurezza ekonomika u fiżika** | | |
| PW220 | | *Is-sigurtà fiżika* |
| | *1* | Sikura ħafna |
| | *2* | Sikura, imma mhux ħafna |
| | *3* | Kemxejn mhux sikura |
| | *4* | Mhi sikura xejn |
| | *9* | Ma nafx |
| PW220_F | *1* | Mimlija |
| | *– 1* | Vojta |
| | *– 3* | Mhux il-persuna magħżula biex twieġeb |